**Kunsill Lokali Mġarr**
22, Triq Sir Harry Luke, Mgarr, MST 10, Malta.
Tel : +356 21 520 011, +356 27 520 011 Fax : +356 21 522 252
E-Mail : mgarr.lc@gov.mt url : www.mgarr.gov.mt

# Seduta numru 29 tas-Sitt Leġislatura
# Illum it-Tnejn 13 ta' Ġunju 2011

**MINUTI**

Il-Membri eletti fl-elezzjonijiet lokali ltaqgħu fl-Uffiċċju Amministrattiv fil-5.30p.m. fuq l-Aġenda segwenti:

1. *Ftuħ tal-Offerti :*

   *Servizz ta' Ġbir ta' Skart Goff*

   *Servizz ta' Tindif u Manteniment ta' Lattrini Pubbliċi*

Kienu preżenti is-Sindku Paul Vella, il-Viċi-Sindku Eman Vella, il-Kunsillier Clayton Gauci u s-Segretarju Eżekuttiv Cyprian Dalli.

Il-Kunsilliera Maria Said u l-Kunsillier Giovanni Gatt kien skużati.

Il-laqgħa giet immexxija mis-Sindku, Paul Vella.

Għall-din il-laqgħa attendew ukoll :
- Is-Sinjur Melchior Dimech
- Is-Sinjur Victor Caruana
- Is-Sinjur Frankie Mifsud
- Is-Sinjur Chris Galea

## 1 Ftuħ ta' l-Offerti

Is-Segretarju Eżekuttiv, flimkien mas-Sindku u ż-żewġ Kunsilliera preżenti, kif ukoll taħtl-osserevazzjoni ta' dawk preżenti, fetaħ il-kaxxa tal-offerti. Ġie nnutat li kien hemm b' kollox 8 offerti : 3 għas-servizz ta' ġbir ta' skart goff u 5 għas-servizz ta' tindif u manteniment ta' lattrini pubbliċi.

L-offerti infetħu kollha waħda waħda quddiem dawk kollha preżenti, vverifikati, u nnutati bid-dettall tagħhom.

Meta il-ftuħ tal-offerti kien lest, l-erbgħa sinjuri li attendew ħallew il-kamra u l-kumplament tal-laqgħa sar bejn is-Sindku, il-Kunsilliera u s-Segretarju Eżekuttiv.

# Kunsill Lokali Mġarr
22, Triq Sir Harry Luke, Mgarr, MST 10, Malta.
Tel : +356 21 520 011, +356 27 520 011 Fax : +356 21 522 252
E-Mail : mgarr.lc@gov.mt url : www.mgarr.gov.mt

Saret diskuzzjoni tal-offerti. Ġie deċiż li fejn jidħol is-servizz tal-ġbir ta' skart goff, tingħata preferenza lil dik tas-Sinjuraġġjuza. Fir-rards-servizz ta' tindif u manteniment ta' lattrini pubbliċi, ġie nnutat li l-offerti tas-Sinjuri Christian Galea u ta' Saviour Mifsud kienu viċin ħafna ta' xulxin u kienu l-aktar vantaġġjużi.

Għaldaqstant, il-Kunsill qabel li jsejjaħ laqgħa ma' dawn it-tlett offerenti biex jiċċara il-pożizzjoni tagħhom u jkun jista' jevalwa aħjar l-offereti tagħhom.

### 6. Mixxellanji

6.1 Saret diskuzzjoni u ntlaħaq qbil biex fil-ġimgħat li ġejjin joħorġu diversi sejħiet għall-offerti, kif indikat :

- Manteniment u 'refurbishment' tax-shutters tal-injami tal-aperturi tal-bini amministrattiv (9 twieqi u 3 bibien) ;
- Provizzjoni ta' asphalt għall-patching tat-toroq ;
- Servizz ta' żebgħa tat-toroq, crash-barriers u sinjali tat-traffiku ;
- Servizzi ta' perit ;
- Kwotazzjonijiet għall-50 siġġu għas-sala, 5 journalists chairs, 4 siġġijiet suwed għall-uffiċċji, Executive Chair għas-Segretarju Eżekuttiv u 3 reception chairs (in-line) ;
- Kwotazzjoni għall-iffummikar tat-toroq kontra insetti u wirdien.

6.2 Is-Sindku informa dwar l-Environment Week li għadha kemm seħħet bi sħab bejn il-Kumissjoni Ambjent Knisja (Mġarr) u l-Kunsill. Ta' rendikont tad-diversi attivitajiet li seħħew fosthom iż-żjara tal-Ministru, l-Hon. G. Pullicino fl-uffiċċju amministrattiv.

6.3 Is-Sindku ħabbar ukoll li sar ftehim mal-Kumitat Festa Esterna Mġarr biex, bi sħab mal-Kunsill, tittella' l-attivita' tal-Ħuġġieġa ta' San Ġwann, nhar il-Ġimgħa, 24 ta' Ġunju.

**Aġġornament**

Il-laqgħa ntemmet fis-7.10pm u ġiet aġġornata għat-Tnejn, 20 ta' Ġunju 2011 fil-5.30pm.

***Cyprian Dalli***
Segretarju Ezekuttiv

***Paul Vella***
Sindku

***Sindku** : Paul Vella, **Vici Sindku** : Eman Vella*
***Kunsillieri** : Clayton Gauci, Giovanni Gatt, Maria Said*
***Segretarju Ezekuttiv** : Cyprian Dalli*